# FESTUNI FIL-BIZZILLA MALTIJA

**Festuni sempliċi u/jew elaborati jistgħu jkunu ddisinjati u maħduma separatament, jew irranġati f'sekwenza, ripetuti jew alternati f'kull xorta ta' forma ġeometrika, ta' kull daqs f'inserzjoni u/jew bordura. Għalkemm ġeneralment maħduma f'forma ċirkolari, il-festun jista' jkun ovali, kwadru, rettangolari u mmewweġ fost oħrajn. Il-festun hu disinn speċifiku fuq sfond ta' mili differenti. In-numru ta' ċombini jiddependi fuq il-qies tad-disinn u l-ħxuna tal-ħajt.**

**FESTUNI**

Il-festuni huma komuni fil-moda tal-ħwejjeġ, bħall-għenuq u xalel; aċċessorji bħal umbrelel u basktijiet; tagħmir bħal doilers u għata tas-sodda; u kif ukoll fi ħwejjeġ ekklesjastiċi bħal trieħi tal-artal li jinkludu wkoll festuni b'disinji ekklesjastiċi.

**FESTUN TAS-SALIB TAL-KAVALLIERI TA' MALTA**

Id-disinn tas-salib ta' Malta bi tmien ponot, reminixxenti għall-Kavallieri ta' Malta tal-Ordni ta' San Ġwann, huwa karatteristika distinta tal-bizzilla Maltija. Ġie introdott fit-tielet kwart tas-seklu 19 biex jiddistingwi l-bizzilla Maltija minn riproduzzjonijiet foloz li bdew isiru wara esebizzjonijiet internazzjonali f'dak iż-żmien. Ġeneralment huwa maħdum tila u l-isfond ivarja skont id-disinn.

**FESTUN TAX-XEMX**

Għalkemm ġeneralment, iċ-ċentru tal-festun jinħadem tila, jista' jinħadem ukoll bin-nofs punt. In-numru ta' moski jvarja – jew 16 jew 32 u iżjed, jiddependi fuq il-qies tad-disinn.

**FESTUN TAL-ISTILLA**

Dan il-festun huwa reminixxenti għall-okkupazzjoni tal-Għarab f'Malta. Jinsab l-iżjed fil-bizzilel kummerċjali Maltin, uħud maħduma b'teknika differenti. Fin-nofs tal-festun hemm il-fjur jew l-istilla maħduma bi tmien pari ċombini.

**FESTUN TAL-QAMAR FELLI**

Dan il-festun huwa assoċċjat mal-arma tal-Gran Mastru Portugiż tal-Ordni ta' San Ġwann Manuel Pinto de Fonseca (1681-1773). Il-festun tal-qamar felli jinħadem fuq tila fuq sfond bħall-punt tal-balla jew punt xibka/fillieri.

**FESTUN TAL-FJUR/WARDA/PETALI**

Hemm varjetà ta' festuni tal-fjur u l-istil jinbidel skont id-disinn. In-numru ta' petali jvarja minn 4 sa 6 sa 8 u l-moski jvarjaw minn 3 sa 8.



Festun tas-Salib tal-Kavallieri ta' Malta



Festun tax-Xemx



Festun tal-Istilla



Festun tal-Qamar Felli



Festun tal-Fjur/Warda/Petali

© 2021 Heritage Malta Publishing